MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru. 1338/2006

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Magri)
vs
Manuel Cachia, iben John, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Diċembru, 1980, Karta ta’ l-Identita numru 8081(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta’ Awwissu, 2006 f’xi ħin wara nofs in-nhar, mill-banka tal-lottu bin-numru 46 sitwata fi Triq is-Santwarju, Ħaz-Zabbar ikkometta serq ta’ flus kontanti u kwantita’ ta’ biljetti ‘scratch & win’ għad-dannu ta’ Stephanie Bonavia, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (LM1,000);
2. talli fl-istess data u ċirkostanzi xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn

Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess data u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' l-istess Stephanie Bonavia, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma tiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
4. talli fl-istess data u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu b'sentenza tal-20 ta' Ġunju, 2006 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
5. talli sar reċidiv skkont l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2007 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li għal ħabta tal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar Margaret Mifsud marret tiftaħ il-banka tal-lottu li tinsab fi Triq is-Santwarju, Ħaz-Zabbar. Kif fetħet indunat li kien hemm ċanqun maqlugħ minn mal-ħajt. Dan kien ħajt li jifred il-banka tal-lottu minn bini adjaċenti li fiż-żmien tal-inċident kien għadu qed jinbena u ma kienx abitat.

Illi mill-banka tal-lottu nsterqu madwar Lm150 fi flus kontanti u numru impreċizat ta' biljetti 'scratch and win'.

Illi minn fuq il-post il-pulizija elevaw xi mpronti diġitali li nstabu fil-qiegħ tat-tray tal-'cash register'.

Illi minn indaġini ulterjuri l-pulizija ġew infurmati li l-imputat seta' kien involut f'dan id-delitt. Huma nterrogaw lill-imputat iżda l-imputat dejjem sostna li hu ma kellhux x'jaqsam ma dan il-fatt.

Illi l-imputat ġie akkużat li wettaq ħsara volontarja fuq il-post ta' l-inċident. Ma nġabdet ebda prova dwar dan u għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat.

Illi l-imputat kien diġja magħruf mal-pulizija li minn naħa tagħhom kellhom l-impronti diġitali tiegħu li meta tqabblu ma dawk misjuba fuq il-post ġie nstabu li kienu l-istess. Fuq l-iskorta ta' din il-prova l-pulizija akkużaw lill-imputat ta' dan ir-reat.

Illi fil-mori ta' din il-kawża l-pulizija talbu l-ħatra ta' espert ta' l-impronti diġitali biex isir it-tqbbil ta' l-impronti ta' l-imputat ma dawk li nstabu fuq il-post ta' l-inċident. Illi mir-relazzjoni tal-espert imqabbad għal dan il-għan rrizulta li l-impronti misjuba fuq il-post kienu ta' l-imputat.

Illi l-imputat oggezzjona li din il-prova ma setgħetx jiġi miġjuba kif inġabet billi ma kinitx taħt il-kappa ta' inkjesta maġisterjali u għalhekk ir-relazzjoni tal-pulizija dwar l-impronti diġitali kienet waħda 'ex parte' u mhiex ammissibbli.

Illi l-imputat seta' kellhu raġuni kieku kien ġie akkuzat b'ċerti tipi ta' reat iżda meta tanalizza l-artikolu 73 tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mal-artikoli 546(1) u 650(5) tal-Kodiċi Kriminali jirrizulta li tali prova mressqa mill-pulizija hi ammissibbli.

Rat is-sentenzi eżebiti li jġibu d-dati tad-19 ta' Jannar, 2001 u tal-20 ta' Ġunju, 2006. Semgħet il-prova ta' l-identita' dwar dawn is-sentenzi. Minn dawn is-sentenzi jirrizulta li l-imputat hu reċidiv u li kiser l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta mposti fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Ġunju, 2006.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn

dawn l-akkużi. Issibu ħati tal-ewwel, tar-raba’ u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ), 263, 264, 267 u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------